# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru 2022**

**Talba Nru: 99/22 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Sebastian Cassar [K.I. 395980M]**

**Vs**

**Adrian Friggieri [K.I. 406877M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-8 ta' April 2022, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jiddikjara l-konvenut debitur tiegħu u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500.00ċ) għar-raġunijiet aħjar imfissra fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, dawk ta' mandat ta' sekwestru u l-imgħax[1].

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022, fejn l-konvenut, tramite l-avukat difensur tiegħu ippreżenta nota t'ammissjoni[2];

Ra d-dokument eżebit mill-attur[3];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie senjalat hawn fuq, il-konvenut f'dawn il-proċeduri għażel li jammetti t-talba fil-konfront tagħha[4]. Huwa ndubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima"*[5]. Għalhekk, f'każ fejn din iseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista biss jilqa' t-talba[6]. Jiġi wkoll mfakkar li meta s-seħħ ammissjoni,

---

[2] Nota relattiva tinsab a fol 23 tal-proċess. Din ġiet ukoll iffirmata mill-konvenut stess.
[3] Nota relattiva tinsab a fol 18 tal-proċess.
[4] Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
[6] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali,** (App Ċiv 17/2010) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010 fejn ġie mfakkar hekk: *"Bizzejjed wiehed ifakkar hawn illi, kif deciz, skond il-ligi tal-procedura, l-ammissjoni hija reġina probationum u bizzejjed biex il-kaz jinghalaq. Ara "Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970."* Hija interessenati wkoll l-opnjoni tal-ġurist **Luigi Mattirolo** fejn fl-opra tiegħu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** jgħid hekk in materja: *"la confessione giudiziale espressa presenta due distinti elementi – l'uno logico, l'altro convenzionale - . Il primo, comune a tutte le prove, consiste nel gravissimo argomento di verità, che emerge da una confessione, fatta, nella solennità di un giudizio, da una delle parti, o da un suo procuratore speciale, control il suo proprio interesse. Il secondo, cioé il convenzionale, sta nel tacito accordo delle parti di considerare e di ritenere, per gli effetti giuridici che si agitano nella lite, come accertato, come vero, il fatto fra le stesse parti concordato col mezzo della confessione, sottraendolo cosi ad ulteriore contestazione."* – Volume II, IV Edizzjoni, 1894, Editori Fratelli Bocca, para 683, a fol 573.

ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[7].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni u għalhekk tattira wkoll dik il-parti tat-Talba li qiegħda titlob l-imgħax relattivi u l-ispejjeż mitluba fl-Avviż.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut jħallas lil-attur s-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500.00ċ) bl-imgħax legali mit-8 ta' April 2022[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 439/2021[9] jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfret Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020. Inċidentalment, saret referenza (u dak hemm deċiż reġa ġie kkonfermat) għal din is-sentenza fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Lawrence Grima et,** (Rik Ġur Nru: 646/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2021.
[8] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern ai termini tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avviż huwa sejħa għal-ħlas.
[9] Debitament ippreżentat u jinsab a fol 20 *et seq* tal-proċess.